# IT-TIFKIRA SOLENNI TA' L-IKLA TAL-MULEJ

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu**
**Eż 12, 1-8. 11-14**

Il-Mulej kellem lil Mose' u lil Aron fl-art ta' l-Eġittu u qalilhom: "Dan ix-xahar ikun għalikom l-ewwel fost ix-xhur, ikunilkom l-ewwel xahar tas-sena. Kellem lill-ġemgħa kollha ta' Israel, u għidilhom: Fil-għaxra ta' dan ix-xahar kull wieħed minnkom jieħu ħaruf kull familja, wieħed kull dar. Jekk il-familja tkun żgħira wisq biex tieklu kollu, wieħed jieħu l-ħaruf flimkien mal-ġar tiegħu, l-eqreb lejn daru, skond in-numru tan-nies; skond kemm kull wieħed jiflaħ jiekol, hekk tqisuh il-ħaruf.
Il-ħaruf ikun bla tebgħa, raġel ta' sena. Tistgħu tieħdu min-ngħaġ jew mill-mogħoż. Intom iżżommuh sa l-erbatax ta' dax-xahar, meta l-ġemgħa kollha ta' dar Israel toqtlu filgħaxija. Imbagħad jieħdu mid-demm tiegħu u jroxxuh fuq il-ġnub u l-blata tal-bibien tad-djar fejn ikunu se jikluh. F'dik il-lejla għandhom jieklu l-laħam mixwi, fejn ikunu se jikluh. F'dik il-lejla għandhom jieklu l-laħam mixwi, b'ħobż bla ħmira u b'ħaxix morr. U tikluh hekk: qaddejkom inħażżma, bil-qrieq f'riġlejkom u l-ħatar f'idejkom, u tikluh bil-għaġġla. Din hi l-mogħdija tal-Mulej.
Għax f'dak il-lejl jiena ngħaddi mill-art ta' l-Eġittu u nidrob 'il kull min hu l-ewwel fost l-imweldin fl-art ta' l-Eġittu, bnedmin u bhejjem, u nagħmel ħaqq mill-allat kollha ta' l-Eġittu: jien hu Jahweh. Id-demm ikun bħala sinjal tagħkom fuq id-djar fejn tkunu, u jien x'ħin nara d-demm nibqa' għaddej, u ebda marda ma tiġi teqridkom meta jien nidrob l-art ta' l-Eġittu. Dak il-jum ikun għalikom jum ta' tifkira, u intom tħarsuh bħala festa tal-Mulej; dan tissoktaw tħarsuh bħala liġi għaż-żminijiet kollha li ġejjin.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 115**
**Il-kalċi mbierek huwa xirka mad-demm ta' Kristu**

Xi rrodd lill-Mulej
għall-ġid kollu li għamel miegħi?
Ngħoli l-kalċi tas-salvazzjoni
u nsejjaħ isem il-Mulej.

**R/. Il-kalċi mbierek huw xirka mad-demm ta' Kristu.**

Għażiża f'għajnejn il-Mulej
hi l-mewt tal-qaddejja tiegħu.
Jiena qaddej tiegħek, bin il-qaddejja tiegħek,
Int ħallejtli l-irbit tiegħi.

**R/. Il-kalċi mbierek huwa xirka mad-demm ta' Kristu.**

Lilek noffri sagrifiċċju ta' radd il-ħajr,
u isem il-Mulej insejjaħ.

Intemm il-weghdi tiegħi lill-Mulej
Quddiem il-poplu kollu tiegħu.

**R/. Il-kalċi mbierek huwa xirka mad-demm ta' Kristu.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin.**
**1 Kor 11, 23-26**

Ħuti: Jiena rċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesu', fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr, kisru u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi.''
Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu l-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**
Nagħtikom kmandament ġdid, igħid il-Mulej,
li tħobbu lil xulxin, bħalma ħabbejtkom jien.
**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann.**
**Ġw 13, 1-15**

Qabel il-festa tal-Għid, billi kien jaf Ġesu' li waslet is-siegħa tiegħu biex igħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb 'il tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar.
U waqt l-ikla, meta x-xitan kien diġa webbel lil Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota, biex jittradih, billi kien jaf Ġesu' li l-Missier tah kollox f'idejh, u li minn għand Alla kien ġie u għand Alla kien sejjer, qam mill-ikla, neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu ma' qaddu. Imbagħad ferra' l-ilma fiż-żingla, u beda jaħsel saqajn id-dixxipli u jixxuttahomlhom bil-fardal li kellu ma' qaddu.
Mela wasal fuq Xmun Pietru, u dan qallu: "Int, Mulej, taħsilli saqajja?'' Ġesu' wieġeb u qallu: "Int għalissa ma tafx x'qiegħed nagħmel jien; tifhmu aktar 'il quddiem.'' Qallu Pietru: "Ma jkun qatt li inti taħsilli saqajja!'' Wieġbu Ġesu': "Jekk ma naħslekx, ma għandekx x'taqsam miegħi.'' Qallu Xmun Pietru: "Mulej, mhux saqajja biss, imma idejja u rasi wkoll''. Qallu Ġesu': "Min hu maħsul, ma għandux għalfejn jinħasel, ħlief saqajh, imma hu kollu kemm hu nadif. Intom ukoll indaf, iżda mhux ilkoll.'' Għax hu kien jaf min kien sejjer jittradih; għalhekk qal, "Mintomx ilkoll indaf''.
Meta ħaslilhom saqajhom, libes il-mantar u reġa' qagħad fil-mejda, u qalilhom: "Tafu x'għamiltilkom? Intom issejħuli 'l-Imgħallem' u 'Il-Mulej' u tgħidu sewwa, għax hekk jien. Mela jekk jien ħsiltilkom saqajkom, jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, intom ukoll għandkom taħslu saqajn xulxin. Għax jien urejtkom x'għandkom tagħmlu biex kif għamilt jien, hekk tagħmlu intom ukoll."

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir lilek Kristu.**